# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 1 ta' Diċembru, 2021.**

**Numru 26**

**Rikors numru 227/08/1 SM**

**Western Company Limited (C-19994)**

**v.**

**Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta (ADT); Direttur Generali (Dwana); Kummissarju tal-Pulizija**

**PRELIMINARI:**

1. Fir-rikors promutur tagħha tal-5 ta' Marzu, 2008, is-soċjeta` attriċi, importatriċi ta' vetturi "*second hand*", spjegat li fl-2003 kienet irċeviet parti minn konsenja ta' vetturi mixtrija mill-Ġappun u minn Dubai li ġew depożitati f'Xatt il-Laboratorju, il-Belt. L-ilmenti tagħha, kif spjegati fir-rikors promotur, huma bażikament tlieta:

(i) Meta ġiet biex toħroġ il-vetturi kellha tħallas tariffa ta' reġistrazzjoni ġdida li kienet ferm ogħla minn dik antika. Il-membri tal-*Used Vehicles Importers' Association* (UVIA) invece, li tagħha ma kinitx membru, ibbenefikaw mill-eżenzjoni fis-sens li baqgħu igawdu mir-reġim l-antik sa Diċembru tas-sena 2003;

(ii) Is-36 vettura li kien fadlilha f'Xatt il-Laboratorju ġew maqbuda u mgħoddija lil dipartimenti varji tal-Gvern;

(iii) Vetturi oħra minnha akkwistati baqgħu barra u ma ddaħħlux Malta minħabba li kienet ser tiġi mposta fuqhom taxxa ferm superjuri u għalhekk ma kienx kummerċjalment vijabbli għaliha li timportahom.

Hija għalhekk talbet li jiġi dikjarat li l-konvenuti jew min minnhom imxew b'mod abbużiv fil-konfront tagħha, u li l-vetturi nqabdu abbużivament u mhux skont il-proċedura. Konsegwentement talbet li jiġi dikjarat li l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli għad-danni sofferti minnha, u biex iħallsu d-danni kif likwidati mill-Qorti.

2. Fis-16 ta' Novembru, 2017, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat is-sentenza, fejn <u>wara li lliberat lill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta u lill-Kummissarju tal-Pulizija mill-osservanza tal-ġudizzju</u>, ikkonkludiet is-

segwenti:

(i) Is-soċjeta` attriċi ġiet trattata b'mod diskriminatorju vis-à-vis importaturi li kienu membri tal-UVIA, fis-sens li ġiet ordnata tħallas rata ogħla minnhom. Għalhekk id-Direttur Ġenerali (Dwana) ġie kkundannat iħallas lis-soċjeta` attriċi **€36,346.96**, rappreżentanti d-differenza bejn dak li kellha tħallas skont l-eżenzjoni u dak li fil-fatt ħallset.

(ii) Kwantu għall-vetturi li ġew maqbuda, dan kien riżultat tan-nuqqas tas-soċjeta` attriċi stess, billi ma ħallsitx it-taxxa dovuta fuqhom u abbandunathom.

(iii) Kwantu għall-vetturi li baqgħet ma daħħlitx f'Malta, l-eżenzjoni ma kinitx tapplika għalilhom stante li qatt ma kienu ser ikunu Malta sa Diċembru 2003, meta kienet tapplika l-eżenzjoni.

Kwantu għall-ispejjeż ordnat li dawn kellhom jinqasmu bejn is-soċjeta` attriċi u d-Direttur Ġenerali tad-Dwana.

3. **Kemm is-soċjeta` attriċi u kif ukoll id-Direttur Ġenerali (Dwana) ħassewhom aggravati b'tali deċiżjoni u għalhekk kull wieħed minnhom interpona appell quddiem din il-Qorti.**

4. Jiġi enfasizzat fl-ewwel lok li l-ewwel Qorti illiberat mill-osservazzjoni tal-ġudizzju kemm l-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta u kif ukoll l-Kummissarju tal-Pulizija. Tali deċiżjoni hija issa *res judicata* stante li ma sar l-ebda appell fir-rigward. Għalhekk f'dan l-istadju tal-appell il-partijiet fil-kawża huma biss is-soċjeta` attriċi u d-Direttur Ġenerali tad-Dwana.

(i) Is-soċjeta` attriċi fl-appell tagħha talbet lil din il-Qorti:

> *"…iżżomm ferm dik il-parti tas-sentenza appellata li ddeċidiet dwar ħtija u liberazzjoni mill-ħarsien tal-ġudizzju, filwaqt li jogħġobha tħassar, tirrevoka u tikkanċella limitatament is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili datata 16 ta' Novembru 2017 fl-ismijiet "Western Company Ltd (C-19994) vs Awtorita Dwar it-Trasport ta' Malta (ADT); Direttur Ġenerali (Dwana); Kummissarju tal-Pulizija" fejn jidħlu d-danni likwidati u l-"capo spese" u dana billi tordna ammont ta' danni superjuri għal dak ġja likwidat u twaħħal il-"capo spese" taż-żewġ istanzi esklussivament fuq l-appellat Direttur Ġenerali (Dwana)".*

(ii) Id-Direttur Ġenerali (Dwana) fl-appell tiegħu talab lil din il-Qorti:

> *"…tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti tas-16 ta' Novembru 2017 limitatament f' dik il-parti tad-decide fejn laqgħet parzjalment it-talbiet tal-kumpanija appellata u cioe` kif stipulat fit-tieni, fir-raba', fil-ħames u fis-sitt parti tad-decide; filwaqt li għandha tikkonfermaha fil-kumplament tagħha senjatament fl-ewwel u fit-tielet parti tad-decide; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi fil-konfront tal-kumpannija appellata."*

5. Għal intendiment aħjar ta' dawn iż-żewġ appelli din il-Qorti ser tirriproduċi l-partijiet rilevanti tas-sentenza appellata.

*"Il-Qorti,*

*1. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-5 ta' Marzu, 2008, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti, tramite r-rapprezentant taghha sintetikament esponiet is-segwenti, (ara foll 1):*

*1.1. Illi timporta vetturi "second hand";*

*1.2. Illi ilha f'dan il-kummerc mill-1998;*

*1.3. Illi fl-2003 irceviet parti minn konsenja ta' vetturi mixtrija mill-Gappun u minn Dubai li gew depozitati f'Xatt il-Laboratorju, l-Belt, biex dawn jigu spezzjonati mill-fizzjali tad-Dwana u mill-Pulizija;*

*1.4. Illi kienet tifforma parti mill-"The Used Vehicles Importers Association" (minn issa 'l quddiem UVIA), li hi assocjazzjoni t'importaturi ta' dan it-tip ta' vetturi importati mis-socjeta` rikorrenti, ghalkemm sussegwentement irtirat minn din l-assocjazzjoni;*

*1.5. Illi in konsegwenza, tad-dhul ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja, (minn issa 'l quddiem UE), resqet lista ta' vetturi bin-numri tax-"chassis" u bl-ghamla tal-istess lill-Awtorita` intimata, bil-ghan li jigi certifikat li dawn il-vetturi kienu gew ordnati minn barra qabel id-dhul ta' Malta fl-UE, biex b'hekk tkun in regola ma dak minnha mitlub mill-Awtorita` intimata kif ukoll, in linea ma dak mitlub mill-UVIA;*

*1.6. Illi l-istess sar bl-iskop li l-vetturi impurtati qabel is-shubija ta' Malta fl-UE jibqghu japplikaw it-tariffi taht ir-regim l-antik dwar ir-registrazzjoni ta' vetturi f'Malta billi l-ordni t'importazzjoni tkun saret qabel;*

*1.7. Illi l-imsemmija vetturi ma setghux jidhlu Malta minghajr ic-certifikat maghruf bhala "Single Vehicle Approval", (minn issa 'l quddiem SVA);*

*1.8. Illi meta s-socjeta` rikorrenti giet biex tohrog il-vetturi de quo giet informata mill-Awtorita` intimata li kienet tapplika t-tariffa l-gdida u r-regim gdid ta' registrazzjoni ta' vetturi;*

*1.9. Illi konsegwenza tal-istess is-socjeta` rikorrenti kellha thallas hafna aktar f'taxxa bi pregudizzju finanzjarju kbir ghaliha;*

*1.10. Illi minhabba l-impenji li kellha ma' socjetajiet terzi biex jibghatulha l-vetturi minn barra u billi kienet qed tehel flejjes kbar, ma kellha l-ebda alternattiva hlief li tibda tirtira uhud mill-vetturi minn Xatt il-Laboratorju fejn kienu u thallas kemm kienet ordnata;*

*1.11. Illi kienet informata li l-UVIA u l-ADT kienu dahhlu fi ftehim fejn il-membri tal-Assocjazzjoni de quo kienu ser jibqghu jgawdu mir-regim l-antik ta' registrazzjoni u mill-beneficcji ancillari, u dan, mhux mid-*

*data tal-ftehim, senjatament l-1 ta' Mejju, 2003, (recte 1 ta' Mejju, 2004), izda minn Dicembru 2003, (ara foll 2);*

*1.12. Illi kienet ukoll ghalhekk informata mill-Awtorita` intimata li ma setghetx tibbenefika mill-arrangament indikat fil-paragrafu precedenti;*

*1.13. Illi ghalkemm ipprotestat bil-qawwa ghal dan it-trattament diskriminatorju, xorta ma thallietx tibbenefika mill-imsemmi ftehim;*

*1.14. Illi s-socjeta` rikorrenti kien ghad fadlilha 36 vettura f'Xatt il-Laboratorju;*

*1.15. Illi sussegwentement giet informata li dawn il-vetturi kienu gew maqbuda mill-intimati u mghoddija lil dipartimenti varji tal-Gvern;*

*1.16. Illi nonostante dan, ghad ghandha fil-pussess taghha c-certifikati tal-vetturi de quo, flimkien ma dawk tal-ispezzjoni tal-Pulizija, c-cwievet, u l-"Form A" tad-Dwana;*

*1.17. Illi qatt ma giet informata skont il-ligi bil-konfiska tal-vetturi de quo ai termini tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 37);*

*1.18. Illi konsegwentement qatt ma setghet tikkontesta l-konfiska de quo ai termini tal-artiklu 72 et seq. tal-Kap 37;*

*1.19. Illi ma kien hemm l-ebda raguni ghaliex il-vetturi de quo kellhom jigu konfiskati;*

*1.20. Illi tali konfiska kienet abbusiva u minghajr ma gew esegwiti l-proceduri komtemplati fil-ligi;*

*1.21. Illi kien ghalhekk li s-socjeta` rikorrenti ipprocediet bil-procedura odjerna u mhux taht il-Kap 37;*

*1.22. Illi ghalkemm interpellati l-intimati baqghu inadempjenti;*

*1.23. Illi ghalhekk l-intimati agixxew b'mod diskriminatorju fil-konfront taghha billi:*

*1.23.1. Giet imposta fuqha tariff oghla ta' registrazzjoni tal-vetturi;*

*1.23.2. Gew ikkonfiskati 36 vettura minghandha minghajr raguni valida;*

*1.23.3. L-intimati ddisponew mill-istess vetturi minghajr l-awtorizzazzjoni tas-socjeta` rikorrenti;*

*1.24. Illi di piu`, s-socjeta` rikorrenti giet ippregudikata fin-negozji taghha stante li vetturi minnha akkwistati baqghu barra u ma ddahhlux*

*Malta minhabba li kienet ser tigi imposta fuqhom taxxa ferm superjuri biex b'hekk, ma kienx kummercjalment vijabbli ghaliha li ddahhalhom f'Malta;*

*1.25. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:*

*1.25.1. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom, imxew b'mod abbusiv fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti;*

*1.25.2. Tiddikjara li l-vetturi tas-socjeta` rikorrenti inqabbdu abbuzivament;*

*1.25.3. Tiddikjara li ma kien hemm l-ebda raguni ghaliex kellhom jigu maqbuda l-imsemmija vetturi;*

*1.25.4. Tiddikjara li l-intimati, jew min minnhom, ma segwewx il-procedura skont il-ligi fil- konfiska tal-vetturi de quo;*

*1.25.5. Tiddikjara ghalhekk li l-intimati jew min minnhom huma responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` rikorrenti;*

*1.25.6. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` rikorrenti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

*1.25.7. Tordna lill-intimati jew min minnhom ihallsu lammont hekk likwidat lis-socjeta` rikorrenti;*

*1.25.8. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimati jew min minnhom;*

*2. Rat ir-risposta guramentata datata t-13 ta' Mejju, 2008, li permezz taghha l-Awtorita` intimata irrispondiet sintetikament bil-mod segwenti, (ara foll 17):*

*2.1. Illi preliminarjament mhix il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;*

*2.2. Illi ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju billi:*

*2.2.1. Mhix l-awtorita` kompetenti li taghti "exemption orders" u/jew;*

*2.2.2. Mhix l-awtorita` kompetenti li tikkonfiska vetturi;*

*2.3. Illi mhix l-awtorita` kompetenti ghall-gbir ta' taxxi;*

*2.4. Illi m'ghandha l-ebda poter taghti "exemption orders";*

*2.5. Illi issegwi d-direzzjoni u d-decizjonijiet tal-Ministeru tal-*

*Finanzi;*

*2.6. Illi qatt m'ghamlet jew setghet tidhol f'arrangament ma' ghaqda, assocjazzjoni, jew persuni fuq rati ta' taxxi differenti minn dawk stipulati fil-ligi jew b'ezenzjoni taht il-Kap 368;*

*2.7. Illi l-lista datata t-18 ta' Gunju, 2003, kontenenti l-vetturi impurtati qabel id-dhul ta' Malta fl-UE kienet bzonnjuza biex il-Ministeru tal-Finanzi jkun jista' jaghti dawk id-direzzjonijiet biex jezenta vetturi ordnati qabel id-dhul ta' Malta fl-UE milli jhallsu taht ir-regim ta' taxxa gdid u biex jigu registrati s-"Single Vehicle Approval" (SVA);*

*2.8. Illi l-ordni ta' esenzjoni datat il-5 ta' Dicembru, 2003, jindika l-vetturi li kienu ser ihallsu t-taxxa ta' registrazzjoni taht ir-regim l-antik, (ara foll 24 et seq.);*

*2.9. Illi l-Awtorita` odjerna irceviet l-istess ordni taht il-Kap 368 u kienet obbligata li ssegwieh;*

*2.10. Illi kull vettura li ma kienitx inkluza fil-lista annessa mal-imsemmi ordni kellha thallas taht ir-regim gdid ta' taxxa u tipproduci c-certifikat tal-SVA;*

*2.11. Illi fir-rigward tat-tieni (2) sas-seba' (7) talba tas-socjeta` rikorrenti, mhix l-awtorita` kompetenti biex tikkonfiska vetturi li jkunu fil-pussess tal-Kontrollur tad-Dwana, (illum Direttur Generali (Dwana));*

*2.12. Illi ghalhekk, it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu respinti, bl-ispejjez;*

*2.13. Salv risposti ulterjuri;*

3. *Rat ir-risposta guramentata tal-intimati rimanenti l-ohra datata l-14 ta' Mejju, 2008, li permezz taghha irrispondew sintetikament bil-mod segwenti:*

*3.1. Illi preliminarjament jigi sottolineat li l-intimat Kummissarju tal-Pulizija mhux il-legittimu kontradittur stante li m'ghandu l-ebda poter jaqbad jew jirrilaxxa vetturi li ghadhom mhux importati f'Malta jew li qeghdin fi process t'importazzjoni;*

*3.2. Illi t-talbiet rigwardanti l-hlas ta' registrazzjoni ta' vetturi huma infondati stante li l-istess intimati ma dahhlu fl-ebda arrangement ma l-ebda assocjazzjoni dwar hlas ta' registrazzjoni ta' vetturi u lanqas talbu xi hlas ghal registrazzjoni ta' vetturi minghand is-socjeta` rikorrenti;*

*3.3. Illi fir-rigward tal-allegat qbid ta' vetturi mill-intimat Direttur*

*Generali (Dwana), jinghad li l-allegazzjonijiet tas-socjeta` rikorrenti fir-rigward huma infondati stante:*

*3.3.1. Il-vetturi in dizamina gew importati fl-2003 u thallew fuq il-moll ta' Xatt il-Laboratorju ghal madwar sentejn (2);*

*3.3.2. Illi ma saret l-ebda dikjarazzjoni tad-Dwana kif mehtieg fir-rigward;*

*3.3.3. Illi gharraf lis-socjeta` rikorrenti b'ittra datata s-7 ta' Novembru, 2005, li l-artikli 19 u 20 tal-Kap 37 kienu japplikaw fuq il-vetturi de quo, u b'hekk l-istess merkanzija kienet saret proprjeta` tal-Gvern billi:*

*4.3.3.i. La kienet giet irtirata minn fuq il-moll; u*

*4.3.3.ii. Lanqas kienet impurtata fiz-zmien stipulat;*

*3.3.4. Illi s-socjeta` rikorrenti ma kienitx irrispondiet l-ittra tas-7 ta' Novembru, 2005, fuq riferita;*

*3.3.5. Illi l-istess socjeta` rikorrenti lanqas avvicinat li d-Dwana hlief wara perjodu ta' sentejn, u dan, permezz ta' protest datat il-23 t'April, 2007;*

*3.4. Illi ghalhekk it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;*

*3.5. Salv risposti ulterjuri;*

*4. Illi l-procedura odjerna essenzjalment tirrigwarda: 8.1. Ir-registrazzjoni fuq numru ta' vetturi ordnati mill-Gappun mis-socjeta` rikorrenti fit-23 t'April, 2003; u 8.2. Dwar il-qbid ta' numru ta' vetturi importati mis-socjeta` rikorrenti u mhollija fuq il-moll ta' Xatt il-Laboratorju ghal madwar sentejn (2);*

*5. Illi x-xoghol tas-socjeta` rikorrenti jikkonsisti fl-importazzjoni ta' vetturi uzati, ("second hand"), fejn il-vetturi in meritu jirrizultaw li kienu importati mill-Gappun, (ara foll 255);*

*6. Illi s-socjeta` rikorrenti ma kienitx membru tal-UVIA li l-iskop taghha hu li tipprotegi l-interessi tal-importaturi tal-karozzi "second hand", (ara foll 255);*

*7. Illi meta s-socjeta` rikorrenti marret tirregistra xi vetturi "second hand" li kienet importat mill-Gappun, giet informata li kellha thallas it-taxxa ta' registrazzjoni bir-rata oghla milli kienet qabel stante, li sadanittant Malta kienet dahhlet fl-UE u r-regim fir-rigward kien inbidel, (ara foll 255 u 48);*

*8. Illi f'dan ir-rigward jirrizulta li fil-perjodu transitorju, il-Ministru talFinanzi kien awtorizzat johrog ordni t'ezenzjoni, u f'dan ir-rigward inhareg ordni biex il-vetturi li kellhom jidhlu f'Malta salahhar tal-2003 kellhom japplikaw ir-rati ppubblikati sat-30 ta' Novembru, 2003, (ara foll 24);*

*9. Illi annessa mal-istess ordni riferita fil-paragrafu precedenti hemm ukoll lista kontenenti 309 vetturi specifikatament identifikati li kienu jaqghu fit-termini tal-ordni de quo, (ara foll 25 et seq.);*

*10. Illi mix-xhieda tas-"Senior Manager" tal-Awtorita` intimata jirrizulta s-segwenti, (ara foll 104);*

*10.1. Illi l-istess Awtorita` kienet qed thejji regolamenti appoziti;*

*10.2. Illi dawn dahlu fis-sehh fl-1 ta' Mejju, 2004, senjatament meta Malta dahlet formalment membru effettiv tal-UE;*

*10.3. Illi rizultat tal-istess regolamenti vetturi uzati importati f'Malta minn pajjizi tal-UE kienu ser jigu mitluba jipprezentaw dokument maghruf bhala "single vehicle type approval" skont l-artiklu 3 VI;*

*10.4. Illi ghalhekk l-Awtorita` intimata kienet kitbet lid-"dealers" kollha tal-karozzi li jimpurtaw vetturi minn barra – mhux biss lil dawk membri tal-UVIA – biex jissottomettu lista ta' vetturi inkluz il-mudell u n-numru tax-"chassis" tal-istess vetturi minnhom gia` ordnati f'dak il-perjodu;*

*10.5. Illi l-iskop tal-istess kien li meta r-regolamenti l-godda jidhlu fis-sehh, dawn il-vetturi li jaqghu f'dan l-iskop ikunu ezentati minn dan it-tip ta' certifikat SVA;*

*10.6. Illi f'dan ir-rigward ir-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti isosstni li hu qatt ma ircieva din l-ittra informattiva mibghuta mill-Awtorita` intimata, (ara foll 256);*

*10.7. Illi nonostante dan isosstni wkoll li xorta kien jaf blizviluppi li kienu qed isiru, u dan, minn membri tal-UVIA, (ara foll 256), u kien xorta wahda ipprezenta lista li turi ix-"chassis" tal-vetturi impurtati mill-Gappun mis-socjeta` rikorrenti, (ara foll 20 sa 23), biex l-istess juzufruwixxu mill-ordni t'ezenzjoni;*

*10.8. Illi l-istess rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti isosstni li nonostante l-informazzjoni minnhu mibghuta lill-Awtorita` 10 intimata, xorta intalab ihallas registrazzjoni tal-vetturi ikkoncernati bir-rata ghola, (ara foll 256);*

*11. Illi skont ir-rapprezentant tal-Ministru tal-Finanzi jirrizulta li meta saru l-verifiki dwar il-karozzi indikati mis-socjeta` rikorrenti lill-Awtorita` intimata, dawn irrizultaw li ma kienux fl-ordni tal-ezenzjoni, (ara foll 94);*

*12. Illi konsegwentement jirrizulta pacifiku li l-vetturi importati missocjeta` rikorrenti ma kienux ezentati skont ir-regolamenti fuq riferiti, u kien ghalhekk li giet applikata ghalihom ir-rata ta' registrazzjoni oghla;*

*13. Illi ghalkemm jirrizulta li s-socjeta` rikorrenti harget xi vetturi mid-Dwana pero` jirrizulta li kien ghad baqala sitta u tletin (36) vettura ohra f'Xatt il-Laboratorju li kienu ghandhom fil-kustodja tad-Dwana sakemm is-socjeta` thallas ir-registrazzjoni u tohroghom, (ara foll 258);*

*14. Illi apparti dawn jirrizulta li kien hemm wiehed u tletin (31) vettura ohra mixtrija mis-socjeta` rikorrenti li minhabba dan id-dizgwid riskontrat thallew il-Gappun, (ara foll 258);*

*15. Illi fir-rigward tal-vetturi mhollija f'Xatt il-Laboratorju dawn il-vetturi ma setghux jigu rilaxxjati sakemm jithallas l-ammont dovut fir-rigward;*

*16. Illi skont ittra indirizzata mill-Ispettur responsabbli mit-taqsima tal-Infurzar fid-Dipartiment tad-Dwana lir-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti datata s-7 ta' Novembru, 2005, il-vetturi tas-socjeta` rikorrenti hemm indikati kienu saru proprjeta` tal-Gvern ai termini tal-Kap 37, (ara foll 85 u 214);*

*17. Illi di piu`, jirrizulta wkoll mid-deposizzjoni ta' Direttur tal-intimat Direttur Generali (Dwana), li s-socjeta` rikorrenti qatt m'ghamlet id-dikjarazzjoni lid-Dwana biex tkun tista' tirtira il-vetturi mill-moll tad-Dwana, (ara foll 276);*

*18. Illi kien fid-dawl tal-istess nuqqas tas-socjeta` rikorrenti indikat fil-paragrafu precedenti li s-socjeta` rikorrenti kienet informata li l-vetturi minnha mhollijin fuq il-moll ghal dak il-perjodu kollu kienu issa saru proprjeta` tal-Gvern, (ara paragrafu numru dsatax, (19.), aktar qabel;*

*19. Illi konsegwenza tal-fatt li ma thallasx id-Dwana kif dovut, kif jirrizulta mir-rapprezentant tal-intimat Direttur Generali (Dwana), dawn il-vetturi saru proprjeta` tal-Gvern u sussegwentement gew imqassma lil diversi dipartimenti governattivi u entitajiet privati ohra, (ara foll 49);*

*20. Illi min-naha tieghu r-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti isosstni li ma kien jaf xejn dwar dan kollu, (ara foll 258);*

*Ikkunsidrat:*

*21. Illi permezz tal-procedura odjerna s-socjeta` rikorrenti qeghda essenzjalment tallega li l-intimati imxew b'mod abbuziv u diskriminatorju fil-konfront taghha stante li l-ordni t'ezenzjoni fuq riferit*

*ma giex applikat fil-konfront taghha;*

*Ikkunsidrat:*

*22. Illi rigward l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Awtorita` intimata (ara paragrafu numru tlieta punt tnejn, (3.2.), aktar qabel u foll 17), jinghad sintetikament is-segwenti:*

*22.1. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tat-**Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fl-ismijiet Jorge Alvarez Granado vs. Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment et,** datata l-**20 ta' Lulju, 2015**, li tissottolinea s-segwenti:*

> *"Illi t-Tribunal jirrileva ... li l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u l-Ministeru tal-Finanzi huma zewg entitajiet separati u distinti minn xulxin. L-entita` li skont il-Ligi hija mghonija bil-poter li takkorda l-ezenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjoni ta' vetturi huwa l-Ministru ghall-Finanzi, liema poter gie delegat lit-Transfer of Residence Exemption Board permezz ta' artikolu 19 (2) (d) tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 10 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01. L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta m'ghandha l-ebda poter tiddeciedi jekk vettura tikkwalifikax jew le ghall-ezenzjoni pero` l-istess Awtorita` trid timxi abbazi ta' dak deciz mill-imsemmi Bord. Ghaldaqstant, dan it-Tribunal huwa l-fehma illi l-Awtorita` intimata ghandha ragun fit-tieni eccezzjoni taghha u ghalhekk qieghed jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju";*

*22.2. Illi ghalhekk jirrizulta assodat li l-Awtorita` intimata mhix l-entita moghtija r-responsabbilita` li tiddeciedi liema vetturi kellhom jibbenefikaw mill-ordni ta' ezenzjoni in dizamina;*

*22.3. Illi tali mansjoni hi materja rizervata ghall-Ministru tal-Finanzi li f'idejh giet imqeghda d-diskrizzjoni li tezenta persuni mit-taxxa;*

*22.4. Illi jirrizulta pacifiku wkoll l-Awtorita` in dizamina lanqas giet fdata bil-kompetenza li tiddeciedi dwar il-konfiska ta' vetturi li ma jigux zbarkati regolarment mill-importatur;*

*23. Illi konsegwentement, in vista tal-premess din l-eccezzjoni preliminari in dizamina sollevata mill-Awtorita` intimata ghandha tigi akkolta;*

*Ikkunsidrat:*

*24. Illi rigward l-eccezzjoni preliminari l-ohra sollevata mill-Kummissarju tal-Pulizija intimat, (ara paragrafu numru erbgha punt wiehed, (4.1.), aktar qabel u foll 29), jinghad sintetikament is-segwenti:*

*24.1. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-artiklu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (minn issa 'l quddiem Kap 12), li jistipula s-segwenti:*

*"(1) Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni;"*

*24.2. Illi minn ezami tar-rizultanzi jirrizulta li l-attivita` tal-Kummissarju tal-Pulizija intimat kienet limitata ghall-ispezzjoni tal-vetturi qabel ma dawn setghu jkunu importati f'Malta billi jigu ezaminati, (ara foll 280):*

*24.2.1. In-numri tal-"logbook" tal-vetturi de quo;*

*24.2.2. In-numri tal-vetturi;*

*24.2.3. In-numri stampati fuq il-magni tal- istess vetturi;*

*25. Illi konsegwentement, stante li jirrizulta assodat li l-intervent tal-Kummissarju tal-Pulizija intimat hu wiehed marginali u ma jikkwalifikax li hu kien il-persuna "inkarigat(a) fil-materja in kwistjoni" ai termini tal-artiklu 181B tal-Kap 12 fuq gia` riferit, allura din l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-istess Kummissarju tal-Pulizija ghandha wkoll tigi akkolta;*

*Ikkunsidrat:*

*26. Illi fil-**mertu** jsiru s-segwenti osservazzjonijiet, fir-rigward **tal-ewwel grupp ta' vetturi importati** mis-socjeta` rikorrenti li ghalihom l-istess socjeta` kellha thallas ir-rata ta' registrazzjoni oghla:*

*26.1. Illi fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti li din issubiet diskriminazzjoni ghaliex l-Awtorita` intimata kitbet biss lill-UVIA u avzata bit-tibdil prospettat minhabba s-shubija ta' Malta fl-UE, izda mhux lis-socjeta` rikorrenti, (ara foll 256), - ma tirrizultax li giet ippruvata mis-socjeta` rikorrenti;*

*26.2. Illi kuntrarju ghal dak allegat mill-istess socjeta` rikorrenti jirrizulta li effettivament l-istess socjeta` kienet baghtet ittra datata t-28 ta' Mejju, 2003, lill-Awtorita` intimati li permezz taghha turi li s-socjeta` hemm indikata kienet bieghet erbgha (4) "units" lir-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti inkluza wkoll lista ta' karozzi mixtrija mill-istess socjeta` rikorrenti bin-numri tax-"chassis" maghha inkluz, (ara foll 20 et seq.";*

*26.3. Illi konsegwentement jirrizulta assodat, li mhux biss li l-istess socjeta` rikorrenti kienet informata bl-izvilupp rigwardanti ir-regim fiskali adoperat fil-perjodu transitorju qabel is-shubija ta' Malta fl-UE, izda li l-istess socjeta` rikorrenti anke hadet passi biex tapprofitta ruhha mill-istess skont id-direttivi ministerjali mahruga fl-istess perjodu;*

*26.4. Illi ssir referenza ghall-artiklu 19 tal-Kap 368 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Att dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur li jistipula s-segwenti:*

*(1) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tal-artiklolu 17A, ma ghandha tithallas ebda taxxa ta' registrazzjoni bis-sahha ta' dan l-Att fuq vettura bil-mutur li tigi importata jew migjuba Malta bil-ghan li tigi esportata bhala merkanzija minghajr ma tigi uzata f'Malta u li tigi rilaxxata mid-dwana ghal dan il-ghan, kemm- il darba dik l-esportazzjoni ssir direttament minn mahzen ta' depost, sakemm dik il-vettura ma tergax tigi importata f'Malta.*

*(2) (a) Il-Ministru responsabbli ghall-finanzi jista', b'ordni u bla hsara ghal kull kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni, jezenta kull persuna mill- hlas ta' xi taxxa jew parti minn taxxa jew minn xi obbligu impost taht dan l- Att.*

*(b) Ezenzjoni bhal din tista' tinghata b'effett retrospettiv.*

*(c) Il-Ministru responsabbli ghall-finanzi jista' jirrevoka kull ordni li jsir taht dan l-artikolu.*

*(d) Il-Ministru responsabbli ghall-finanzi jista' jiddelega l-awtorita` tieghu lil kull persuna sabiex tigi attwata l-ezenzjoni taht il-paragrafu (a);*

*26.5. Illi jirrizulta ghalhekk assodat mill-artiklu fuq riprodott, li l-persuna responsabbli fir-rigward ta' minn hi l-persuna li tista' tohrog ordni ta' ezenzjoni u tiddetermina min ghandu jibbenefika minn tali ordni hu biss il-Ministru responsabbli ghall-finanzi;*

*26.6. Illi ovvjament jigi immedjatament ribadit illi l-fatt li tali diskrezzjoni giet fdata fil-Ministru fuq riferit, dan bl-ebda mod ma jfisser li din tista tigi ezercitata leggerment, b'mod irragonevoli, jew b'mod diskriminatorju;*

*26.7. Illi di piu`, l-ezercizzju ta' tali diskrezzjoni hi dejjem suggetta ghas-sindikabilita` gudizzjarja skont il-ligi;*

*26.8. Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Godfrey Ellul vs. Avukat Generali**, datata l-**5 ta' Lulju, 2005,** li sostniet fir-rigward is-segwenti:*

> *"Huwa principju ta' dritt amministrattiv, illi kull diskrezzjoni moghtija ma hi qatt assoluta, izda trid dejjem tigi ezercitata ragjonevolment u b'rispett lejn id-drittijiet fundamentali tal-bniedem; il-kuncett ta' "unfettered discretion", ma jezistix fid-dritt pubbliku ta' pajjiz demokratiku. Meta ligi taghti diskrezzjoni, dan m'hemmx ghalfejn jinghad, ghax hu implicitu u inerenti f'kull fakolta` diskrezzjonali moghtija lil xi awtorita` jew ufficcjal kompetenti, li dik id-diskrezzjoni trid tigi ezercitata bil-mod indikat, mod li trid l-ligi u l-ordinament guridiku. Gia` fl-**1891, Lord Halsburg**, fil-kaz **"Sharp vs. Wakefield"** kien osserva:*
>
> > *"Discretion means when it is said that something is to be done within the discretion of the authorities that that something is to be done according to the rules of reason and justice, not according to private opinion: ....*

*according to law, and not humour. It is to be, not arbitrary, vague and fairful, but legal and regular".*

*Fl-**1925, Lord Wrenbury** fil-kaz **"Roberts vs Hopwood"** osserva:*

*"A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so – he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must, by the case of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably"*

*Fid-dritt pubbliku, ma tezisti ebda diskrezzjoni li hi assoluta u libera minn kull skrutinju. Wiesgha kemm hu wiesgha l-poter moghti lil xi awtorita`, l-esercizzju ta' dak il-poter huwa dejjem suggett ghall-kontroll mill-qrati. Fil-fatt, **Wade & Forsyth,** ktieb "**Administrative Law" (Oxford Press, 7 th Edit. 1994),** jghidu, f'pagna 391 li: "in a system based on the rule of law, unfettered governmental discretion is a contradiction in terms";*

*26.9. Illi ghandu jirrizulta pacifiku li c-cirkostanzi tas-socjeta` rikorrenti u tal-membri tal-UVIA fir-rigward, kienu identici, senjatament:*

*26.9.1. Illi t-tnejn jimpurtaw vetturi uzati minn pajjizi barra mill-UE;*

*26.9.2. Illi t-tnejn li huma impurtaw l-istess vetturi fuq indikati fl-istess perjodu temporali;*

*26.9.3. Illi pero` s-socjeta` rikorrenti ma thallietx tibbenefika mill-ezenzjoni mhabbra fir- rigward;*

*26.9.4. Illi konsegwenza tal-istess is-socjeta` rikorrenti intalbet thallas rata ta' taxxa ta' registrazzjoni oghla minn dik imposta fuq il-membri tal-UVIA stante li fil-konfront ta' dawn giet adottata l-ezenzjoni de quo;*

*26.9.5. Illi rizultat tal-istess il-membri tal-UVIA hallsu rata ta' taxxa ta' registrazzjoni ferm anqas minn dik imhallsa mis-socjeta` rikorrenti ghall- istess oggett importat miz-zewg kategoriji in dizamina;*

*26.9.6. Illi rizultat tal-istess, f'dan ir-rigward is-socjeta` rikorrenti giet trattata b'mod diskriminatorju u abbuziv;*

*Ikkunsidrat:*

*27. Illi fid-dawl tas-suespost id-danni li ghandhom jigu likwidati fir-rigward jistghu jigu kristallizzati bil-mod segwenti:*

*27.1. Illi d-danni sofferti mis-socjeta` rikorrenti f'dan ir-rigward ghandhom jinkludu d-differenza bejn l-ammont erronjament mitlub minghad is-socjeta` rikorrenti u minnha mhallas li kien erronjament komputat skont ir-regim fiskali gdid, senjatament dak adoperat wara l-*

*2004, u dak l-ammont li gustament kellu jintalab mis-socjeta` rikorrenti skont ir-regim il-qadim, senjatament dak applikabbli sal-2003;*

*27.2. Illi mid-deposizzjoni tas-"Senior Manager" tal-Awtorita` intimata datata t-30 t'Ottubru, 2014, u mid-dokumentazzjoni minnhu prodotta, (ara foll 203 u 205 et seq.), irid isir analisi tad-differenza bejn it-taxxa ta' registrazzjoni effettivament imhallsa mis-socjeta` rikorrenti bir-rata applikata b'mod erroneju mat-taxxa ta' registrazzjoni li fil-fatt kellha tigi applikata fuq is-socjeta` rikorrenti li kieku ma saritx id-diskriminazzjoni fil-konfront taghha;*

*27.3. Illi jirrizulta pacifiku li f'dan ir-rigward ir-rata li tirrizulta li kienet ir-rata korretta li kellha tithallas mis-socjeta` rikorrenti f'dan ir-rigward kellha tkun ir-rata inidkata ghall-perjodu qabel is-shubija ta' Malta fl-UE fl-2004;*

*27.4. Illi meta jigi kkalkolat it-total tar-rata attwalment imhallsa mis-socjeta` rikorrenti – il-kolonna intestata "2004 Rates" – (ara foll 224), u t-total tar-rata li suppost kellha tithallas mis-socjeta` rikorrenti – il-kolonna intestata "Pre-2004 Rates" – (ara foll 223), id-differenza bejn iz-zewg ammonti tirrizulta li hi dik ta'* ***sitta u tletin elf, tliet mija u sitta u erbghin euro u sitta u disghin centezmu, (€36,346.96);***

*27.5. Illi konsegwentement, l-ammont komplessiv indikat fil-paragrafu precedenti ghandu jigi likwidat favur is-socjeta` rikorrenti bhala danni sofferti minnha;*

*27.6. Illi ghalhekk, l-ewwel talba tas-socjeta` rikorrenti ghandha tigi akkolta, u fir-rigward tal-hames (5), tas-sitt (6) u tas-seba' (7) talbiet tas-socjeta` rikorrenti, (ara foll 4), l-ammont fuq likwidat, (ara paragrafu numru wiehed u tletin punt erbgha, (31.4.), aktar qabel ghandha tigi likwidata favur is-socjeta` rikorrenti;*

*Ikkunsidrat:*

*28. Illi fir-rigward tat-tieni lott ta' vetturi in dizamina, senjatament dawk li s-socjeta` rikorrenti abbandunat f'Xatt il-Laboratorju u ma hallsiltx it-taxxa ta' registrazzjoni fuqhom jinghad sintetikament is-segwenti:*

*28.1. Illi f'dan ir-rigward l-artiklu 19(2) tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula is-segwenti:*

> *"(2) Meta xi oggetti jkunu gew zbarkati izda ma jkunux gew liberati minn xi moll, bankina, mahzen jew xi post iehor ta' zbark fi zmien tliet xhur mid-datat tal-wasla ta' bastiment tal-importazzjoni, f'dak il-kaz, minkejja kull disposizzjoni ohra tal-ligi, dawk l-oggetti ghandhom jitqiesu, meta jghaddi l-imsemmi zmien, li jkunu depozitati f'depozt tal-gvern u mbaghad ikunu jistghu jitnehhew kif provdut fl-artikolu 20";*

*28.2. Illi l-artiklu 20(3) tal-istess Kap 37 riferit fil-paragrafu precedenti*

*f'dan ir-rigward jistipula wkoll is-segwenti:*

> *"(3) Meta, izda, l-oggetti ma jistghux jinbieghu ghal somma li tkun bizzejjed biex isiru l-hlasijiet dovuti skont is-subartiklolu (1)(a), (b), (c), u (d) il-proprjeta` ta' dawk l-oggetti tigi vestita fil-Gvern ghas-saldu ta' dawk il-hlasijiet u dawk l-oggetti jsir minnhom skont kif jordna l-Ministru responsabbli ghad-dwana";*

*Ikkunsidrat:*

*29. Illi kif fuq stabbilit jirrizulta assodat li s-socjeta` rikorrenti importat numru ta' vetturi uzati fl-2003;*

*30. Illi jirrizulta wkoll assodat li l-istess socjeta` rikorrenti m'ghamlitx id-debiti dikjarazzjonijiet dagonali necessarji biex l-istess vetturi jkunu jistghu jigu minnha irtirati u introdotti ghalhekk b'mod regolari u skont il-ligi fit-territorju Malti;*

*31. Illi di piu`, jirrizulta li l-istess socjeta` rikorrenti:*

*31.1. La hallset id-dazju fuqhom dovut; u*

*31.2. Lanqas hallset it-taxxi relattivi fuqhom;*

*32. Illi di piu` jirrizulta li s-socjeta` rikorrenti effettivament abbandunat l-istess vetturi f'Xatt il-Laboratorju stante li ghal sentejn (2) qatt m'uriet interess fl-istess vetturi minnha importati;*

*33. Illi rizultat tal-istess din allura giet li abbandunat l-istess vetturi b'mod li dawn kienu ta' ostakolu ghall-facilitajiet l-ohra uzati fl-istess ambjent;*

*34. Illi in vista tal-istess abbandun unilaterali tal-vetturi de quo da parte tas-socjeta` rikorrenti d-Direttur Generali (Dwana) u l-Kontrollur tad-Dwana qabblu, kellhom kull dritt li japplikaw l-artikli 19 u 20 tal-Kap 37 fuq parzjalment riprodotti meta l-istess socjeta` rikorrenti naqset li thallas id-dazju ta' importazzjoni fir- 20 rigward, u di piu`, abbandunat l-istess vetturi fi proprjeta` tal-intimat Direttur Generali fuq indikat;*

*Ikkunsidrat:*

*35. Illi in vista tal-premess, it-talba ghad-danni tas-socjeta` rikorrenti fir-rigward tat-tieni (2) lott ta' vetturi minnha importati u konfiskati mill-Kontrollur tad-Dwana issa Direttur Generali (Dwana) ma tista ssib l-avall ta' din il-qorti stante li kien in-nuqqas tal-istess socjeta` rikorrenti li wassal ghal dan billi ma hallsitx it-taxxa dovuta fuq il-vetturi minnha importati f'Malta u abbandunat l-istess vetturi fil-proprjeta` tal-imsemmi intimat;*

*36. Illi in vista tal-premess, it-tieni (2), it-tielet (3), u r-raba' talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu respinti;*

*Ikkunsidrat:*

*37. Illi rigward il-vetturi mixtrija mis-socjeta` rikorrenti mill-Gappun li pero` jirrizulta li thallew hemmhekk, jinghad sintetikament is-segwenti:*

*37.1. Illi l-ordni ta' ezenzjoni qatt ma setghet tapplika ghal dan il-grupp ta' vetturi mixtrija mis-socjeta` rikorrenti stante li jirrizulta li dawn qatt ma kienu Malta sa Dicembru, 2003 meta kienet tapplika l-istess ezenzjoni;*

*37.2. Illi konsegwentement l-ebda danni ma jistghu jigu assenjati fir-rigward u ghalhekk it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti fil-konfront tal-istess ghandha tigi respinta;*

*Ikkunsidrat:*

*38. Illi in vista tal-premess din il-qorti tikkonsidra li s-socjeta` rikorrenti ipprovat il-kaz taghha parzjalment, u konsegwentement:*

***DECIDE:***

*38.1. Tillibera lill-intimati Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta u l-Kummissarju tal-Pulizija mill-osservanza tal-gudizzju;*

*38.2. Takkolji parzjalment kif fuq dedott it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;*

*38.3. Takkolji wkoll parzjalment kif fuq dedott ir-risposti tal-intimat Direttur Generali (Dwana);*

*38.4. Tiddikjara li in vista tas-suespost l-imsemmi Direttur Generali (Dwana) hu responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` rikorrenti kif fuq spjegat;*

*38.5. Tillikwida d-danni sofferti mill-istess socjeta` rikorrenti f'dan ir-rigward fl-ammont ta' sitta u tletin elf tliet mija u sitta u erbghin euro u sitta u disghin centezmu, (€36,346.96);*

*38.6. Tikkundanna lill-intimat Direttur Generali (Dwana) biex ihallas l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti Western Company Limited, bl-imghaxijiet skont il-ligi mill-5 ta' Marzu, 2008, data tal-introduzzjoni tal-procedura odjerna sad-data tal-effettiv pagament;*

*38.7. Bl-ispejjez jinqassmu ugwalment bejn is-socjeta` rikorrenti u l-intimat d-Direttur Generali (Dwana).*

**<u>RIKORS TAL-APPELL tas-soċjeta` attriċi (05.12.2017):</u>**

6. L-aggravji tas-soċjeta` attriċi huma tnejn:

(a) <u>L-ewwel aggravju</u>*: - il-kwantum tad-danni*

L-ewwel aggravju tagħha jirrigwarda l-kwantum tad-danni li ġew likwidati (ċioe` fl-ammont ta' €36,346.96). Tispjega li dawn jirrappreżentaw <u>kap wieħed ta' danni</u> li hija qiegħda titlob (ċioe` id-differenza bejn it-taxxa ta' reġistrazzjoni għolja li kellha tħallas fuq il-vetturi u dik it-taxxa inqas li suppost ħallset), u tilmenta li l-ewwel Qorti injorat il-kapi l-oħra.

- Fir-rigward tas-36 vettura li ġew maqbuda mid-Dwana hija tikkontesta li dawn kienu abbandunati minnha kif irriteniet l-ewwel Qorti. Targumenta li f'dak il-perjodu kienet qed tagħmel minn kollox biex talloka ammont ta' flus biex tkun tista' tħallas it-taxxa tar-reġistrazzjoni għolja li l-ewwel Qorti stess irriteniet li kienet erronjament komputata. Issaqsi x'sens kummerċjali hemm li hija tabbanduna l-vetturi meta hija stess ħallset il-prezz tagħhom. <u>Issostni li huwa d-Direttur Ġenerali (Dwana) li jaħti għal dan meta biddel ir-reġim tat-taxxa u ġabha fl-impossibilita` li tirtira il-vetturi</u>. Issostni li għalhekk ma hemm l-ebda abbandun, iżda sitwazzjoni li ġiet fiha minħabba l-aġir tad-

Direttur Ġenerali tad-Dwana. Tenfasizza li dan ġie aċċettat mill-ewwel Qorti. Issostni li fir-rigward ta' dawn il-vetturi d-danni sofferti minnha huma fl-ammont ta' **€514,349.92,** liema ammont jinkludi l-profitt ta' 20% fuq il-valur tal-vetturi.

- Fir-rigward tal-31 vettura li kellhom jitħallew il-Ġappun tispjega li kienet kostretta tħallihom il-Ġappun, proprju konsegwenza tat-taxxa għolja li kienet ser teħel fuqhom li kieku ġabithom Malta. Tenfasizza li dan kien l-uniku rimedju tagħha biex ma tinkorrix iżjed spejjeż. Issostni li fir-rigward ta' dawn il-vetturi li spiċċat ħalliethom il-Ġappun, sofriet danni fl-ammont ta' **€334,871.36**, liema ammont jinkludi l-profitt ta' 20% fuq il-valur tal-vetturi.

- Tagħmel ukoll referenza għall-affidavit ta' Carmelo Bianco fejn xehed li weħel is-somma ta' **€83,857** konsistenti f'imgħaxijiet u spejjeż minħabba avvanzi ta' flus mill-bank li hija kellha tieħu minħabba s-sitwazzjoni finanzjarjament imwegħra li sabet ruħha fiha kawża tal-aġir tad-Direttur Ġenerali (Dwana).

Għalhekk issostni li l-ammont globali ta' danni li sofriet jammonta għal **€933,078**.

(b) It-tieni aggravju: *l-ispejjeż*

Fit-tieni aggravju tagħha tilmenta bil-fatt li l-ewwel Qorti ordnat li l-ispejjeż kellhom jinqasmu bejnha u bejn id-Direttur Ġenerali (Dwana). Hija invece tinsisti li l-ispejjeż għandhom jitħallsu kollha mid-Direttur Ġenerali (Dwana) u dan għaliex hija ħtija unikament tiegħu li kellha tressaq din il-kawża u a tenur tal-Art. 223(1) u (3) tal-Kap 12 huwa l-parti telliefa.

**<u>RIKORS TAL-APPELL tad-Direttur Ġenerali (Dwana) (06.12.2017):</u>**

7. L-aggravji tad-Direttur Ġenerali (Dwana) huma s-segwenti:

(a) <u>L-ewwel aggravju</u>:

Fl-ewwel lok jilmenta bil-fatt li l-ewwel Qorti kkonkludiet li huwa aġixxa b'mod diskriminatorju u abbużiv. Jargumenta li ċ-ċirkostanzi odjerni huma unikament konsegwenza ta' aġir irresponsabbli tas-soċjeta` attriċi stante li ma ottemperatx ruħha mar-rekwiżiti tal-liġi u abbandunat il-vetturi fuq il-moll, apparti li ma ħallsitx dazju ta' importazzjoni lid-Dwana u taxxa ta' reġistrazzjoni lill-Awtorita` dwar it-Trasport f'Malta u dan għar-raġunijiet segwenti:

(i) Permezz tal-azzjoni odjerna is-soċjeta` attriċi qed tippretendi

li tiskarta l-obbligi u r-responsabbiltajiet tagħha, ċioe` li tissottometti d-debita dikjarazzjoni doganali lid-Dwana u tħallas id-dazji u t-taxxi dovuti fuq il-merkanzija.

(ii) L-ewwel Qorti ma messhiex laqgħet parjzalment it-talbiet tas-soċjeta` attriċi tenut kont tal-fatt li ċ-ċirkostanzi ta' abbandun tal-merkanzija hu differenti minn ċirkostanzi li jinvolvu qbid ta' oġġett kuntrabandat. Merkanzija abbandunata u mhux dikjarata entro t-termini tal-liġi (Kap 37 u 337) tagħti lok għal sitwazzjoni fejn iċ-ċaqliq u l-kontroll tal-merkanzija tiġi mxekkla apparti li jinħoloq perikolu u dewmien bla bżonn għall-utenti, l-operaturi u l-amministraturi tal-faċilitajiet tal-port.

(iii) Kwalunkwe negozjant diliġenti għandu jagħmel ir-riċerka u l-kalkoli neċessarji tiegħu fir-rigward tat-taxxi u d-dazji relattivi għall-merkanzija li jkun ser jimporta, u għandu jaċċerta ruħu li ser ikun f'pożizzjoni li jista' jikkompeti fuq is-suq.

(iv) Ma jistax jingħad li huwa (D.G. Dwana) aġixxa b'mod abbużiv. Huwa aġixxa skont l-Artikoli 19(2) u 20(3) tal-Kap 37.

(v) Charles Bianco ma kienx kredibbli fir-raġuni li ta meta qal li għażel li ma jkunx membru tal-UVIA; għaqda li kellha l-aħjar interessi

għal kull min jopera fis-settur tal-importazzjoni vetturi *second hand*.

(vi) Ma tressqu l-ebda provi biex juru li s-soċjeta` kienet miżmuma milli tassoċja ruħha fl-UVIA; għalhekk meta wieħed iqis l-ammont sostanzjali ta' vetturi li hija akkwistat mill-Ġappun ma kienx raġonevoli li Charles Bianco jagħżel li ma jkunx parti minn assoċjazzjoni mwaqqfa appożitament biex tieħu ħsieb l-aħjar interessi ta' importaturi bħalu. Għalhekk wara li huwa ddeċieda deliberatament kontra sħubija fl-imsemmija assoċjazzjoni ma jistax issa jitlob danni.

(b) <u>It-tieni aggravju</u>:

Fit-tieni lok jilmenta li l-ewwel Qorti ma messiehx ikkundannatu jħallas lis-soċjeta` attriċi l-ammont ta' €36,346.96 li tirrappreżenta d-differenza bejn ir-rata l-qadima u r-rata l-ġdida dovuta lill-Awtorita` dwar it-Trasport f'Malta oltre l-imgħaxijiet mill-5 ta' Marzu, 2008, sad-data tal-pagament. <u>Jgħid li t-taxxa ta' reġistrazzjoni fi kwalunkwe każ ma kellux u m'għandux il-kompetenza li jamministraha.</u> Itenni li s-soċjeta` attriċi naqset b'mod lampanti milli tagħmel id-debiti dikjarazzjonijiet u ħlasijiet tad-dazju relattiv fuq il-vetturi rispettivi mad-dwana, u naqset li tħallas kwalunkwe taxxa ta' reġistrazzjoni dovuta fuq il-vetturi mal-Awtorita`

dwar it-Trasport f'Malta, sal-punt li wara li ġew abbandunati għal sentejn fuq il-moll, kellhom jiġi konfiskati skont l-Artikoli 19(2) u 20(3) tal-Kap 37, u dan għar-raġunijiet segwenti:

(i) Il-ħlasijiet li kienu dovuti setgħu jiġu kkalkolati faċilment qabel ma nxtraw il-vetturi peress li r-rata ta' dazju ta' importazzjoni fuq il-vetturi hija uniformi għal kwalunkwe importatur, irrispettivament mit-taxxa ta' reġistrazzjoni li kienet dovuta fil-perjodu relattiv. Jenfasizza li d-dazju hu kkalkolat skont il-provvedimenti tal-Kap 337 u ma jista' jkun qatt soġġett għal xi tibdil fir-rati li jkunu mifthema minn xi assoċjazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti.

(ii) L-ebda danni ma huma dovuti għaliex kienet is-soċjeta` attriċi li ma kkawtelatx l-interessi tagħha għal dak li għandu x'jaqsam għall-ħlasijiet dovuti lill-istat f'dak li jirrigwarda taxxi dovuti lill-Awtorita` tat-Trasport, qabel ma għażlet li takkwista u daħlet Malta il-merkanzija in kwistjoni li sussegwentement iddeċidiet li tabbanduna fuq il-moll;

(iii) Il-vetturi ġew abbandunati għal madwar sentejn, u kienu qed jiddeterjoraw u jostakolaw l-andament regolari tad-Dwana; jenfasizza li hija qatt ma talbet l-awtorizzazzjoni tad-Dwana sabiex testendi l-perjodu sabiex tissottometti d-dikjarazzjonijiet, iżda baqgħet passiva.

(iv) Il-merkanzija kienet ferm voluminuża u għalhekk il-passivita` tas-soċjeta` attriċi sal-punt tal-abbandun kienet qed tissarraf f'vantaġġ inġust fil-konfront ta' importaturi oħra li josservaw il-liġi tad-Dwana billi jħallsu d-dazji u t-taxxi dovuti fit-termini preskritti mil-liġi, u jaħżnu l-merkanzija f'imħażen a spejjeż tagħhom.

**<u>RISPOSTA TAL-APPELL tad-Direttur Ġenerali (Dwana) għall-appell tas-soċjeta` attriċi (18.12.2007):</u>**

8. Id-Direttur Ġenerali (Dwana) (mingħajr preġudizzju għall-appell tiegħu) wieġeb biex jgħid li l-aggravji kollha tas-soċjeta` attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u li d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward tagħhom għandha tiġi kkonfermata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħha.

**<u>RISPOSTA TAL-APPELL tal-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta (ADT), illum Awtorita` għat-Trasport f'Malta:</u>**

9. L-Awtorita` għat-Trasport f'Malta wara li aċċennat għall-fatt li l-ewwel Qorti lliberatha mill-osservanza tal-ġudizzju u li tali deċiżjoni hija ***<u>res judicata</u>*** ladarba ma hemm l-ebda aggravju fir-rigward, irrimettiet ruħha għall-ġudizzju ta' din il-Qorti.

**RISPOSTA TAL-APPELL tas-soċjeta` attriċi għall-appell tad-Direttur Ġenerali (Dwana) (28.12.2017):**

10. Is-soċjeta` attriċi wieġbet biex tgħid li l-appell tad-Direttur Ġenerali (Dwana) għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu. *Inter alia* targumenta li ma hu minnu xejn li ma mxietx b'mod diliġenti. Tfakkar li x-xenarju kien inċert fejn Malta kienet qed tagħmel il-preparamenti biex issir membru tal-Unjoni Ewropea, u dan b'tibdil drastiku għar-reġim tad-Dwana u d-dazju għal dik li hija importazzjoni minn barra l-UE. Tgħid li ma kienx il-każ li hija abbandunat il-vetturi. Targumenta wkoll li l-fatt li kien jedd kostituzzjonali tagħha jekk tissieħeb jew ma tisseħibx fil-UVIA u li ma jfissirx li għaliex ma sseħbitx allura għandha tbati xi riperkussjonijiet.

**XHIEDA RILEVANTI:**

**Charles Bianco mis-soċjeta` attriċi:**

11. Fl-affidavit tiegħu[1] Charles Bianco qal li huwa jimporta vetturi *second hand* u jbiegħhom. Spjega li fl-2002 kienet saret laqgħa fejn kien hemm preżenti hu u xi importaturi oħra bħalu. Qal li l-iskop kien li ssir

[1] Fol 255 et seq

assoċjazzjoni volontarja li kellu jkun jisimha UVIA (Used Vehicles Importers Association). *"L-iskop tal-assoċjazzjoni kien li jipproteġi l-interessi ta' importaturi ta' karozzi second hand."* Qal li meta fil-fatt ġiet iffurmata huwa ma daħalx membru għaliex filwaqt li l-maġġor parti tal-membri kienu jġibu vetturi mill-Ġappun biss, hu kien iġib vetturi anke minn pajjiżi oħra. "*Għalhekk rajt li ma kienx jaqbilli.*"

12. Kompla jgħid li fit-23 ta' April, 2003, ordna **91 vettura** mill-Ġappun. Spjega hekk:

> *"Dawn xtrajthom jien minn diversi irkantijiet tramite agent tiegħi bl-isem Khan Motors ġol-Japan. Din il-konsenja bdiet tasal Malta fil-bidu ta' Mejju 2003. Jien mort insegwi l-proċedura normali tad-Dwana għar-rilaxx ta' dawn il-vetturi u ħallast il-freight tal-aġent. Bdejt inħallas id-dazju ta' xi vetturi li jien bdejt noħroġ mill-containers għal Laboratory Wharf. Iċ-ċwievet żammejthom jien u għadhom għandi sa llum flimkien mad-dokumenti kollha relattivi biex jiġu reġistrati. Saret l-ispezzjoni tal-vetturikollha mill-SVS tal-pulizija. Saret ukoll fl-istess waqt il-valutazzjoni tal-vetturi mill-uffiċjali tad-Dwana. Jien ħattejt il-vetturi u ġew impoġġija ġo* Laboratory Wharf *biex hemmhekk issir il-proċedura normali biex imbagħad jiġu rilaxxati l-vetturi container container u sussegwentement jiġu reġistrati Malta. Il-customs entry forms kollha kien ġew mgħoddija mid-Dwana. Imbagħad mort biex nibda' noħroġ xi vetturi li kienu pparkjati fuq il-moll ta' Laboratory Wharf. Fil-frattemp kelli ukoll xi konsenji ta' vetturi oħra li kienu ser jitgħabbew mill-Japan fi triqithom lejn Malta. Dawn jien kont diġa ħallasthom."*

13. Żied jgħid li f'Mejju 2003 Transport Malta kienet avżat lill-assoċjazzjoni UVIA u l-importaturi tagħha li kellhom jissottomettu lista tan-numri tax-*chassis* tal-vetturi li kienu ser jidħlu Malta sal-aħħar ta' Diċembru 2003 u kif ukoll dawk li f'dik id-data jkunu għadhom qed jiġu trasportati bil-baħar. Spjega illi din il-lista kienet qed tintalab sabiex il-

vetturi jiġu eżentati miż-żieda fit-taxxa tar-reġistrazzjoni (żieda sostanzjali ta' iktar minn 50%) li kellha tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar, 2004.

14. Jilmenta li "*Jien qatt ma ġejt notifikat b' dan l-avviż u lanqas ma qatt irċevejt xi ittra dwar dan mill-awtoritajiet.*" Qal li pero` kien sar jaf mingħand *dealers* oħra u mill-ewwel kien mar ikellem lil Gilbert Agius minn Transport Malta flimkien mal-konsulent tiegħu John Sultana. Qal li kien ippreżenta lista[2] tan-numri tax-*chassis* tal-vetturi li kellu ordnati: li parti minnhom kienu diġa waslu u parti minnhom kienu għadhom fuq il-baħar. Qal li kien irċieva acknowledgement (data 18 ta' Ġunju, 2003)[3] ta' din il-lista u qal ukoll li Gilbert Agius kien qallu li kien ser itella' l-lista lill-Ministeru.

15. Qal li meta ġew rilaxxjati **l-ewwel 24 vettura,** (li kienu mniżżlin fuq il-lista li kien ta lil Gilbert Agius) intalab iħallas ir-reġistrazzjoni l-ġdida, ċioe` bl-għoli. F'dan ir-rigward jaċċenna għax-xiehda ta' Brian Farrugia fejn esebixxa dokument[4] li jindika din iż-żieda.

16. Qal li kienu reġgħu marru jkellmu lil Gilbert Agius u dan ikkonferma li "*kien tella' l-lista il-Ministeru tal-Finanzi*"*.* Reġa' mar ikellmu il-ġimgħa ta' wara u qal li Agius spjegalu hekk:

---

[2] Dok A, fol 20-27
[3] Dok CB1, fol 260
[4] Fol 227 sa 229

*"Dakinhar huwa kien qalli li peress illi ma kontx membru tal-assoċjazzjoni UVIA ma kontx intitolat biex nibbenefika mill-eżenzjoni miż-żieda fir-registration tax. Adirittura kien qalli li qabel jaċċetta l-lista tiegħi kellu jikkonsulta ma' xi ħadd legali li jirrappreżenta l-assoċjazzjoni. Jien kont oġġezzjonajt. Irrifjuta li jkellimi iktar fuqha."*

17. Qal li fil-frattemp beda' joħroġ xi ftit mill-vetturi bit-taxxa l-ġdida u dan biex ma jitlifx il-bejgħ u għax kien ser jeħel spejjeż kbar bħala *demurrage.*

18. Xehed li sussegwentement kienet saret laqgħa fil-Ministeru tal-Finanzi fejn preżenti kien hemm hu, il-konsulent tiegħu John Sultana, l-avukat tiegħu Dr.Malcolm Pace, in-Nutar Toni Abela (is-Segretarju Parlamentari ta' dak iż-żmien), Tony Chetcuti (rappreżentant tal-Ministru tat-Trasport), u persuna oħra mill-Ministeru, Joe Bugeja. Qal li kienu fehmu l-problema tiegħu "*qalu li kelli raġun u li kont qed niġi diskriminat u ma fehmux ir-raġuni għalfejn jien kelli inħallas ir-reġistrazzjoni l-għolja*." Qal li kienu baqgħu li kellhom jitkellmu ma' Transport Malta u jkellmuhom lura, iżda qatt ma rċieva risposta.

19. Kompla jgħid li mar diversi drabi t-Transport Malta ma' John Sultana u li wara diversi tentattivi biex ikellmu lil Gilbert Agius, dan kien qalilhom li kellu direttiva fis-sens li "*jekk ma nkunx fl-assoċjazzjoni UVIA ma stajtx nimporta vetturi mill-Japan u mill-ebda pajjiż ieħor barra mill-Unjoni Ewropea".*

20. Qal li huwa allura baqa' jħallas bir-reġistrazzjoni għolja u kellu anke jieħu *overdraft* ta' Lm184,000 u jdur fuq il-familja biex jipprova jsolvi l-problema. Enfasizza li ż-żieda fir-reġistrazzjoni ma ġietx koperta mill-prezz u kellu jbatiha hu. Nonostante dan qal li xorta ma kellux flus biex iħallas ir-reġistrazzjoni l-għolja fuq il-vetturi kollha: spjega li **kien fadallu 36 vettura** u li biex joħroġhom kellu bżonn Lm112,500 għaż-żieda fir-reġistrazzjoni, u ma kellux tali flus. Qal li kif beda jiġbor ftit flus ipprova joħroġhom iżda f'daqqa waħda tad-Dwana qalulu li ma kinux jafu fejn marru. Qal li qatt ma kien irċieva xi avviż fejn marru jew fejn qegħdin. Eventwalment sar jaf li tqassmu d-dipartimenti tal-Gvern, Kastilja, Dwana stess, lill-patrijiet Ġiżwiti, lis-CID u xi nies b'diżabilita`.

21. Spjega wkoll li **kellu 31 vettura oħra** li kienu fil-*quay* il-Ġappun sabiex jiġu Malta. Qal li kien ħallas il-prezz tagħhom pero` baqgħu hemm għaliex ma setax iġibhom.

22. Huwa jispjega t-telf li ġarrab konsegwenza ta' din iż-żieda fit-taxxa tar-reġistrazzjoni hekk:

- Kwantu għall-**24 vettura** li rnexxielu joħroġ, qal li reġistrazzjoni żejda fuqhom kienet ta' **Lm38,300**.

- Kwantu għas-**36 vettura** li kienu baqgħu il-Laboratory Wharf u li

tqassmu lid-dipartimenti tal-Gvern u nies oħra, qal li dawn kien xtrahom bil-prezz ta' Lm183,990 u kien ser ikollu profitt ta' Lm36,820 jiġifieri 20%. Għalhekk jilmenta li fuq dawn tilef total ta' **Lm220,810.**

- Kwantu għall-**31 vettura** li baqgħu il-Ġappun qal li ħallas Lm119,800 u tilef profitt ta' 20%, ċioe` Lm23,960. Għalhekk f'dan ir-rigward jilmenta li tilef total ta' **Lm143,760.**

23. Kompla jgħid li tali total ta' **Lm402,870** (Lm38,300 + Lm220,810 + Lm143,760) ma jinkludix l-imgħaxijiet u l-ispejjeż tal-bank li jammontaw għal **Lm36,000**. F'dan ir-rigward jirreferi għall-i*statements* tal-bank.[5]

24. Kontro-eżaminat[6] qal li kien sar jaf bil-lista li kellu jgħaddi lit-Transport Malta u qal li kien għaddiha u ħarġet *acknowledgement*. *Inter alia* qal li t-taxxa tar-reġistrazzjoni għoliet b'mod konsiderevoli iżda min kien fl-għadqda (UVIA) ibbenefika. Jgħid il "*Jiena ma bbenefikajtx għaliex jiena minix fl-għaqda tal-Japan".*

**John Sultana:**

25. Dan ix-xhud[7] xehed li ilu żmien twil jaf lil Charles Bianco u jgħinu

---
[5] Fol 173 et seq.
[6] Kontro-eżami tat-13 ta' April, 2016, fol 282 et seq
[7] Affidavit, fol 269 et seq

f'affarijiet ta' karti u kontijiet, u li l-kwistjoni dwar il-vetturi tal-Ġappun jafha sew. Dwar l-ordni li kien għamel fl-2003, fejn kien xtara 91 vettura, qal li kienu waslu Malta 60 u kien fadal 31 li kienu għadhom ma waslux. Qal li saru jafu fil-frattemp minn *dealers* oħra li Transport Malta kienet qed tavża lil min kellu vetturi li kienu ser jaslu Malta fl-2003 biex jissottomettu lista tan-numri tax-*chassis* ta' tali vetturi. Qal li r-reġistrazzjoni kienet ser togħla iktar minn 50% u għalhekk il-Gvern kien ser joħroġ l-eżenzjoni għal min kellu vetturi ordnati li kienu fit-traġitt biex jaslu Malta dik is-sena. Qal li kien irriżultalhom li kienu rċevew biss il-membri tal-assoċjazzjoni UVIA, u li s-soċjeta` attriċi ma kienet irċeviet xejn. Kompla jgħid li huma kienu ssottomettew tali lista meta Charles Bianco kien mar jirreġistra l-vetturi li kienu waslu u kien ġie nfurmat li ried iħallas bil-għoli. Qal li kienu kellmu lil Gilbert Agius mit-Transport Malta u qalilhom li għad ma kellux l-approvazzjoni f'idejh; qal li meta reġgħu kellmuh dan qalilhom li *"kienu membri tal-assoċjazzjoni UVIA biss li setgħu jibbenefikaw minn din l-eżenzjoni mir-registration tax l-għolja."* u għalhekk is-soċjeta` attriċi kellha tħallas bir-rata l-għolja. Xehed li kien anke kellhom laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Toni Abela fejn attendew huma u l-avukat Malcolm Pace u anke rappreżentanti mill-Ministeru tat-Trasport u kienu fehmu li kien hemm diskriminazzjoni, pero` ħadd ma qalilhom xejn. Qal meta reġgħu kellmu lil Gilbert Agius qalilhom adirittura li "*min ma kienx fl-assoċjazzzjoni ma setax jimporta vettura mill-Japan u mill-ebda pajjiż ieħor barra l-Unjoni Ewropea."*

26. Qal li Charles Bianco spiċċa kellu jieħu self mill-bank u mingħand il-familja biex ikopri ż-żieda fit-taxxa, liema ammonti ma daħħalhomx lura. Qal li sakemm kienu ħarġu 24 vettura mis-60 li kienu waslu, saru jafu li s-36 l-oħra ma kinux għadhom il-Laboratory Wharf u li tqassmu lid-dipartimenti tal-Gvern u nies oħra.

27. Kontro-eżaminat[8], spjega li dak iż-żmien fl-2003 kienet ħarġet aħbar li t-taxxa tar-reġistrazzjoni kienet ser togħla u li kien hemm eżenzjoni fis-sens li jekk importaturi li kellhom vetturi ġejjin fuq il-baħar kienu eżentati mit-taxxa l-ġdida jekk jagħtu lista tal-vetturi lit-Transport Malta. Isostni li kien hemm diskriminazzjoni bejn il-membri tal-UVIA u Charles Bianco. Isostni li "*peress li ma kienx fl-għaqda ma aċċettawhomlux".* Qal li din id-diskriminazzjoni għexha ma' Bianco. Enfasizza li huma ma kinux ġew avżati minn Transport Malta iżda kienu ġew infurmati minn terzi.

**<u>Simon Zammit (*Relationship Manager* fir-*Recoveries Dept*. tal-Bank of Valletta):</u>**

28. Dan ix-xhud[9] ikkonferma li Charles Bianco kien ingħata self ta' Lm184,000 fir-rigward ta' vetturi. Qal li l-*loan* tħallas kollu.

[8] Kontro-eżami tat-18 ta' Mejju, 2016, fol 292 et seq
[9] Xiehda tas-16 ta' Jannar, 2013, fol 172 et seq

**Dr.Malcolm Pace, l-avukat tas-soċjeta` attriċi:**

29. Dan ix-xhud[10] ikkonferma li fl-2003 kien akkompanja lil Charles Bianco f' laqgħa li seħħet fl-uffiċċju tas-Segretarju Parlamentari Dr.Toni Abela fil-Belt. Mistoqsi x'kien l-iskop ta' tali laqgħa wieġeb hekk:

> *"Biex wieħed jiddiskuti magħhom kif tista' tiġi risolta l-problema li beda jiffaċċja s-sur Bianco billi meta dan mar biex jirreġistra l-karozzi li kien għadu kif importa mill-Japan, li kienu second hand vehicles, dawn infurmawh li hu ried iħallas b'rata iktar milli kienet qabel u din kienet tvarja bejn iktar minn Lm350 sa xi Lm700, jiddependi skont iċ-ċilindraġġ tal-vetturi. U f' dik il-laqgħa, allura din ir-rata kienet tapplika għal vetturi importati second hand mill-Japan u peress li kellu madwar 60 vettura on the way li kien diga in transit bejn il-Japan u Malta, dak iż-żmien tħabbret din il-miżura, din kienet ser tfisser li s-sur Bianco kellu jħallas madwar xi Lm150,000 bħala registration tax iktar.*
>
> …
>
> *Ir-rikjesta kienet biex hu jiġi eżentat minn din il-miżura għax proprjament irriżulta illi kien hemm xi ftehim bejn l-assoċjazzjoni ta' importaturi tas-second hand u l-Ministeru jew l-Awtorita` tat-trasport, li biha kien ta xi lista ta' chassis numbers ta' vetturi li kienu on the way, dawn kienu eżentati u s-sur Bianco dak iż-żmien ma kienx membru ta' dik l-assoċjazzjoni."*

30. Kompla jgħid li f'dik il-lagħqa dawk preżenti kienu jidhru li fehmu l-problema u qalu li kienu ser jivverifikaw u ser jagħmlu xi laqgħat interni biex jaraw x'jista' jsir biex Charles Bianco jkun eżentat ukoll; qal li saret laqgħa oħra fejn pero` nfurmawhom li ma kien irnexxielhom jagħmlu xejn. Qal li Charles Bianco kien għadda l-lista tal-vetturi tiegħu lil Gilbert Agius fid-19 ta' Diċembru, tal-2003, ftit żmien qabel ma kellhom il-laqgħa l-

[10] Xiehda tas-16 ta' Novembru, 2012, fol 134 et seq

Ministeru.

**Eman Schembri, rappreżentant tad-Dipartiment tal-Finanzi:**

31. Dan ix-xhud[11] ittella' jixhed dwar l-*Exemption Order* in kwistjoni. Huwa ġab kopja tagħha u esebiha bħala Dok ES1[12]. L-ordni hija ffirmata minn John Dalli (Ministru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomiċi) u datata 5 ta' Diċembru, 2003, u taqra hekk:

> *"Pursuant to Clause 19 of the Motor Vehicles Registration Tax Act (Cap. 368), it is hereby ordered that the tax chargeable on the vehicles, 309 (three hundred and nine) in number, whose chassis number appears on the attached schedule and which are being imported to Malta up to 31 December 2003, shall be charged the rates or minimum tax applicable in the First Schedule of the said Act up to 30 November 2003.*
>
> *This Exemption Order shall expire on 31 December 2003."*

32. Ix-xhud spjega li dak iż-żmien kienet ittieħdet deċiżjoni biex togħla t-taxxa minima tar-reġistrazzjoni, u l-Ministru kien dehrlu li min jagħti prova li kellu l-vetturi fuq il-vapur allura dawn kienu eżentati milli jħallsu t-taxxa għolja, sakemm jidħlu sal-aħħar tas-sena 2003.

**Dr.Isabelle Busuttil in rappreżentanza tal-Ministeru tal-Finanzi:**

33. Din ix-xhud[13] spjegat li meta vverifikaw il-listi tal-vetturi tas-soċjeta`

---

[11] Xiehda tat-13 ta' Ottubru, 2009, fol 58 et seq
[12] Fol 62.
[13] Xiehda tas-6 ta' Lulju 2010, fol 93 et seq

attriċi dawn ma kinux fl-*Exemption Order*.

**<u>Herald Bonnici (*Acting Director General, Financial Policy and Management* fil-Ministeru tal-Finanzi):</u>**

34. Dan ix-xhud[14] qal li jaf li l-Ministru tal-Finanzi ħareġ *Exemption Order*. Ikkonferma li hija dik esebita fil-proċess (datata 5 ta' Diċembru, 2003). Spjega li l-proċedura meta toħroġ *Exemption Order* hija li din tmur għand il-Ministru tal-Finanzi għall-firma tiegħu u tingħata lill-Awtorita` tat-Trasport. Spjega li l-eżenzjoni hija tat-taxxa:

> *"Hawnhekk qed jgħidlek li l-karozzi li jkunu deħlin sa dik id-data, dawn il-karozzi li għandhom ix-chassis number imniżżel, iħallsu r-rati li huma ppublikati u applikabbli sat 30 ta' Novembru 2003…..F' dan il-każ qed jagħmel riferenza għal 309 vetturi li huma annessi mal-exemption order."*

35. Mistoqsi jekk is-soċjeta` attriċi kinitx għaddiet lista ta' vetturi lill-Ministeru tal-Finanzi bid-dettalji tal-vetturi, wieġeb li dan ma rriżultax mill-file li għandu. Qal ukoll li ma jirriżultax mill-file li l-ADT kienet għadditilhom xi lista dak iż-żmien. Muri l-lista tal-vetturi tas-soċjeta` attriċi qal li qed joqqħod fuq il-verifika interna li saret u ma jidhirx li tali vetturi huma parti mil-lista.

36. F'xiehda sussegwenti[15] qal li għamel verifiki dwar jekk kienx hemm

[14] Xiehda tal-24 ta' Ottubru 2011, fol 112 et seq
[15] Xiehda tat-12 ta' Jannar, 2012, fol 116 et seq

komunikazzjoni bejn il-Ministeru u d-Dwana fir-rigward tal-każ, iżda ma rriżultalu xejn.

**<u>Gilbert Agius mit-Transport Malta:</u>**

37. Dan ix-xhud[16] spjega li l-kariga tiegħu hija ta' *Senior Manager* ma' Transport Malta. Muri d-dokumenti a fol 21 sa 23 (fejn hemm lista tax-*chassis* tal-vetturi li kienet qed timporta s-soċjeta` attriċi) ikkonferma l-firma tiegħu fuqhom. Spjega li dak iż-żmien l-ADT kienet qed tħejji regolamenti li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Mejju, 2004, fejn vetturi użati minn pajjiżi tal-EU[17] kienu ser jiġu mitluba jippreżentaw dokument tat-tip *single vehicle approval* (SVA), u għalhekk l-Awtorita` kienet kitbet lid-*dealers* kollha li jimportaw il-vetturi minn barra sabiex jissottomettu lista tal-mudell u n-numru tax-*chassis* ta' vetturi li kienu ġew ordnati f'dak iż-żmien u dan <u>sabiex meta jidħol fis-seħħ ir-regolament ikunu eżentati minn dan iċ-ċertifikat SVA</u>. Mistoqsi jekk l-Awtorita` kitbitx lid-dealers jew lil xi assoċjazzjoni partikolari wieġeb li "*kitbet lid-dealers kollha."*

38. F'xiehda ulterjuri[18] spjega li l-lista li kienet talbet l-Awtorita` kienet għall-fini tal-Awtorita` biss, rigwardanti s-*Single Vehicle Approval,* li huwa

> *"….ċertifikat ġdid li kienet introduċiet Transport Malta biex il-vetturi importati minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea għaliex fl-1 ta' Mejju tas-sena 2004 Malta kienet ser tissieħeb fl-Unjoni*

[16] Xiehda tat-3 ta' Marzu, 2011, fol 103 et seq
[17] Jidher li kien qed jirreferi għal vetturi minn **<u>barra</u>** l-EU mhux mill-EU (kif fil-fatt jiċċara f'xiehda ulterjuri)
[18] Xiehda tal-11 ta' Marzu 2015, fol 245 et seq

> *Ewropea jibdew jipproduċu dan it-tip ta' ċertifikazzjoni qabel jiġu reġistrata lokalment.*
>
> *Jiena qed niġi muri fol 21 sa 23 u ngħid illi n-notament tiegħi li jiena għamilt fid-19 ta' Diċembru 2003 kien 'without SVA certificate'. Fuq l-istess dokument nagħraf il-firma tiegħi. Nikkonferma li l-firma li jidhru fuq it-tliet faċċata mill-21 sat-23 huma tiegħi."*

**Brian Farrugia (Manager fid-Direttorat tat-Trasport fuq l-Art fi ħdan l-Awtorita` tat-Trasport):**

39. Dan ix-xhud[19] ippreżenta sensiela ta' dokumenti. Dok BF (fol 205) juri lista tal-vetturi Ġappuniżi. Huwa identifika kull vettura skont il-mudell u n-numru tax-*chassis* flimkien mat-taxxa li ġiet imħallsa u x'valur taxxabbli kien japplika fiż-żmien meta ġew reġistrati. Dok BF1 (fol 214) hija lista estratta minn Dok BF li turi liema minn dawk il-vetturi kienu reġistrati mal-Gvern. Dok BF2 (fol 220) juri dawk il-vetturi li m'humiex reġistrati u li l-ebda *records* ma jeżistu fir-rigward. Dok BF3 (fol 223) juri, fost oħrajn, id-differenza fit-taxxa bejn il-pre 2004 *rates* u l-2004 *rates*. <u>(Jidher li l-ewwel Qorti qagħdet fuq dan id-dokument biex waslet għall-konklużjoni li d-differenza fir-rati li ħallset s-soċjeta` attriċi kienet ta' €36,346.96).</u>

**Hector Piccinino (spettur fl-Uffiċċju Legali tad-Dwana):**

40. Dan ix-xhud[20], *inter alia* qal li fis-7 ta' Novembru, 2005, l-ispettur

[19] Xiehda tat-30 ta' Ottubru, 2013, fol 203 et seq
[20] Xiehda tat-22 ta' April, 2009, fol 48 et seq

Cortis kien innotifika lis-soċjeta` attriċi li l-vetturi ġew proprjeta` tal-Gvern. Qal li kien hemm deċiżjoni superjuri, jiġifieri 'l fuq mill-ispettur Cortis, fejn stennew għal perjodu ta' żmien biex jaraw jekk ikunx hemm xi rispons da parti tas-soċjeta` attriċi u ma rriżulta l-ebda rispons, u fis-6 ta' Jannar, 2006, id-direttur li kien Pawlu Scerri (illum mejjet) ħareġ struzzjonijiet biex jiġu maqbuda l-vetturi minn Laboratory Wharf. Xehed li fil-fatt id-data ta' meta ġew maqbuda l-karozzi kienet is-6 ta' Jannar, 2006.

41. F'xiehda sussegwenti esebixxa kopja tal-ittra (Dok HC2) li kienet intbagħtet mill-ispettur Cortis bil-lista tal-vetturi relattivi. Mistoqsi jekk għandux provi li tali ittra kienet intbagħtet u waslet lis-soċjeta` attriċi, wieġeb li l-ittra intbagħtet reġistrata u n-numru tar-reġistrazzjoni huwa RR02023398MT.

**Joseph Cortis (Inspector Enforcement Unit, Dwana):**

42. Dan ix-xhud[21] spjega li kien ingħata ordni fir-rigward tal-vetturi tas-soċjeta` attriċi li kienu tħallew fil-moll fis-sens li dawn kellhom isiru proprjeta` tad-Dwana. Qal li kien kiteb ittra lis-soċjeta` attriċi[22] datata 7 ta' Novembru, 2005. Spjega li dawn it-tip ta' ittri jibgħathom reġistrati peress li hija "*ittra serja ħafna*". Mistoqsi jekk mill-*file* tiegħu tirriżultax il-

[21] Xiehda tat-22 ta' April, 2009, fol 50 et seq
[22] Dok HC2, fol 85

"*pink form*" tan-notifika tal-ittra tas-7 ta' Novembru, 2005,wieġeb "*...dak mhux xoghli imma xoghol ir-Registry. Mill-file ma tirrizultax u ghal hekk jiena ma nistax inwiegeb fir-rigward tal-pink form.*" Mistoqsi dwar jekk jirriżultalux mill-*file* li l-ittra kinitx ġiet notifikata, qal li ma jirriżultalux, iżda iċċita n-numru ta' reġistrazzjoni tal-ittra li hija RR0203398MT.

**William Grech (Direttur *Compliance & Systems*, Dwana):**

43. Dan ix-xhud[23] xehed li fir-rigward tas-36 vettura li s-soċjeta` attriċi daħħlet Malta f'Lulju u Settembru 2003 qatt ma saret dikjarazzjoni lid-Dwana sabiex tali vetturi jkunu jistgħu jiġu rtirati mill-moll. Spjega li skont l-Artikoli 19(2) s-soċjeta` attriċi kienet obbligata li tagħmel tali dikjarazzjoni doganali fi żmien tliet xhur mill-wasla tal-merkanzija f'Malta. Kompla jgħid li konsegwentement, fis-7 ta' Novembru, 2005[24], id-Dwana infurmat lil Charles Bianco permezz ta' ittra reġistrata li l-vetturi saru proprjeta` tal-Gvern skont l-Artikolu 30 tal-Kap 37. Żied jgħid li minn meta intbagħtet l-ittra sa ma ġie ppreżentat il-protest ġudizzjarju da parti tas-soċjeta` attriċi fit-23 ta' April, 2007, kienu għaddew iktar minn 17-il xahar.

**KUNSIDERAZZJONIJIET:**

**(a) Dwar l-appell tad-Direttur Ġenerali tad-Dwana:**

[23] Affidavit a fol 276 et seq
[24] Kopja tal-ittra tinsab esebita a fol 311 u 312 tal-proċess (Dok WG2), l-istess bħal Dok HC2.

44. Għalkemm id-Direttur Ġenerali (Dwana) għamel diversi sottomissjonijiet fl-appell tiegħu, din il-Qorti ser tiffoka biss fuq dik il-parti tal-appell tiegħu li tirrigwarda d-danni fl-ammont ta' €36,346.96 li huwa ġie kkundannat iħallas lis-soċjeta` attriċi fir-rigward tal-vetturi li ġew rilaxxjati lis-soċjeta` attriċi (ċioe` dawk li l-ewwel Qorti ssejħilhom "*l-ewwel grupp"*).

45. L-ewwel Qorti rriżultalha li dan l-ammont ta' €36,346.96 jirrappreżenta differenza fir-rata tat-taxxa ta' reġistrazzjoni bejn il-*pre-2004 rates* (ir-rata l-irħisa) u l-*2004 rates* (ir-rata l-għolja). Ikkunsidrat li l-importaturi tal-vetturi użati li kienu membri tal-UVIA ibbenefikaw mill-*Exemption Order* tal-Ministru tal-Finanzi (u allura fir-rigward tagħhom kienet tapplika r-rata l-irħisa) filwaqt li s-soċjeta` attriċi ma gawdietx ukoll minn tali eżenzjoni u allura kkonkludiet li ġiet trattata b'mod diskriminatorju.

46. Id-Direttur Ġenerali (Dwana) fl-appell tiegħu jenfasizza li m'għandux il-kompetenza jamministra t-taxxa ta' reġistrazzjoni fuq il-vettura. <u>Din id-difiża fil-fatt kien issollevaha fit-tieni eċċezzjoni tar-risposta ġuramentata tiegħu</u> li taqra hekk (enfasi ta' din il-Qorti):

*"Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju tas-suespost*[25]*, fir-rigward*

[25] L-ewwel eċċezzjoni tirrigwarda l-**Kummissarju tal-Pulizija** fejn l-istess irritjena li "*mhux il-leġittimu kontradittur fl-azzjoni odjerna stante illi huwa ma għandu l-ebda poter jew mansjoni illi*

> *ta' dawk it-talbiet attriċi li jikkonċernaw il-ħlas tar-reġistrazzjoni għal dawn il-vetturi, l-esponenti jissottomettu li dawn it-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tagħhom stante illi l-esponenti ma daħlu fl-ebda arranġament mal-ebda assoċjazzjoni dwar il-ħlas ta' reġistrazzjoni ta' vetturi,* ***u lanqas talbu xi ħlas għal reġistrazzjoni ta' vetturi mingħand is-soċjeta` attriċi, u dan peress li dan ir-rwol mhux fil-mansjoni tagħhom".***

47. Din il-Qorti fil-fatt hija ferm perplessa bil-fatt li għall-imsemmija "diskriminazzjoni" li lill-ewwel Qorti rriżultalha li sofriet is-soċjeta` attriċi bħala konsegwenza li ma ġietx applikata favur tagħha l-*Exemption Order* maħruġa mill-Ministru tal-Finanzi, hija ordnat li kellu jagħmel tajjeb id-Direttur Ġenerali (Dwana); *multo magis* meta l-istess Qorti, wara li ċċitat l-Artikolu 19 tal-Kap 368 tal-Liġijiet ta' Malta (l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-mutur) enfasizzat li l-persuna li tista' toħroġ ordni ta' eżenzjoni u tiddetermina min għandu jibbenefika minn tali ordni hija biss il-Ministru għall-Finanzi u irriteniet li d-diskrezzjoni fdata lill-Ministru tal-Finanzi m'għandhiex tiġi eżerċitata leġġerment, irraġonevolament jew b'mod diskriminatorju. Id-Dwana ma kellha x' taqsam xejn mal-kwistjoni tat-taxxa tar-reġistrazzjoni li anke Herald Bonnici mill-Ministeru tal-Finanzi xehed li ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni bejn il-Ministeru u d-Dwana fir-rigward ta' dan il-każ. Din it-taxxa semmai tinġabar mill-Awtorita` tat-Trasport.

Ta' min jghid li Charles Bianco xehed li l-ADT kienet infurmat biss lill-

---

*jaqbad jew jirrilaxxa vetturi li għandhom mhux impurtati Malta jew li qegħdin fil-proċess ta' importazzjoni."*

membri tal-assoċjazzjoni UVIA dwar l-informazzjoni li kellhom jgħaddu sabiex jibbenefikaw mill-*Exemption Order*, iżda lilu le, madanakollu s-soċjeta` attriċi kienet għaddiet il-lista lill-ADT f'Ġunju 2003 (u irċeviet *acknowledgement* tagħha) u kien hemm anke l-laqgħa li saret fil-Ministeru tal-Finanzi, għalhekk iċ-ċirkostanzi tiegħu kienu jafu bihom kemm il-Ministeru tal-Finanzi kif ukoll l-ADT.

Jekk hemm nuqqas imputabbli lill-**Ministru tal-Finanzi** dan mhux parti fil-kawża; u jekk hemm nuqqas imputabbli lill-**ADT,** din issa ġiet illiberata mill-osservazzjoni tal-ġudizzju u tali parti tad-deċiżjoni tal-ewwel Qorti hija issa ***res judicata*****.**

48. Konsegwentement għandu raġun id-Direttur Ġenerali tad-Dwana, iħossu aggravat bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward. Kwalsiasi diskriminazzjoni u danni li sofriet is-soċjeta` attriċi bħala riżultat li kellha tħallas ir-rata l-għolja tat-taxxa ta' reġistrazzjoni fuq il-vetturi li hija rtirat, ċertament li ma kienx responsabbli għalihom id-Direttur Ġenerali tad-Dwana.

49. Għaldaqstant l-appell tad-Direttur Ġenerali tad-Dwana f'dan ir-rigward jirriżulta fondat.

**(b) <u>Dwar l-appell tas-soċjeta` attriċi:</u>**

50. Is-soċjeta` attriċi taqbel mas-sentenza appellata in kwantu l-ewwel Qorti lliberat lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Awtorita` dwar it-Trasport mill-osservanza tal-ġudizzju u in kwantu ordnat lid-Direttur Ġenerali (Dwana) jħallasha l-ammont ta' €36,346.96 (rappreżentanti d-differenza bejn it-taxxa ta' reġistrazzjoni għola u dik irħas li kellha tħallas fuq il-vetturi li importat u rtirat) iżda ħassitha aggravata bil-fatt li ma ġietx akkordata l-ebda danni:

(i) fir-rigward tal-vetturi li ħalliet fuq il-moll u li spiċċaw inqabdu (bħala danni tippretendi €541.349.92);

(ii) fir-rigward tal-vetturi li kienet xtrat mill-Ġappun li iżda fiċ-ċirkostanzi ma kienx vijabbli għaliha li ġġibhom Malta (bħala danni tippretendi €334,871.36);

(iii) fir-rigward tal-ispejjeż u imgħaxijiet bankarji li weħlet minħabba l-avvanzi ta' flus li kellha tieħu biex jagħmlu tajjeb għall-eċċess fit-taxxa ta' reġistrazzjoni (bħala danni tippretendi €83,857)

51. Issostni għalhekk li l-ammont "globali" ta' danni li sofriet kien ta' **€933.078.** Jiġi ppreċiżat li dan l-ammont hekk imsejjaħ "globali" ma jinkludix is- €36,346.96 li fil-fatt l-ewwel Qorti ordnat lid-Direttur tad-

Dwana jħallasha u li din il-Qorti, għar-raġunijiet fuq mogħtija, qed tħassar tali deċiżjoni.

52. Jirriżulta mir-rikors tal-appell tas-soċjeta` attriċi li l-ammont ta' danni li qiegħda tippretendi (i) fir-rigward tal-vetturi maqbuda, (ii) fir-rigward tal-vetturi li ħalliet il-Ġappun u (iii) fir-rigward tal-ispejjeż bankarji li daħlet fihom, **huma kollha konsegwenzjali** għas-sitwazzjoni finanzjarja "imwegħra" (fi kliemha stess) li spiċċat fiha s-soċjeta` attriċi riżultat tal-fatt li kellha tħallas taxxa ta' reġistrazzjoni għolja, ċioe` riżultat tal-fatt li ma bbenefikatx mill-*Exemption Order* u kellha problemi finanzjari biex tkun tista' tħallas għaż-żieda fit-taxxa u tirtira l-vettura li gia kienu Malta jew li iġġib Malta dawk li laħqet xtrat fl-esteru.

53. Ladarba dawn id-danni pretiżi minnha huma kollha **konsegwenza** tal-fatt li ma tħallietx tibbenefika mill-*Exemption Order*, <u>u ladarba kif diġa spjegat din il-Qorti fil-kunsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-appell tad-Direttur Ġenerali tad-Dwana, kwistjonijiet relatati mal-iffissar tat-taxxa ta' reġistrazzjoni ma jaqgħux fil-mansjoni tal-istess Direttur Ġenerali tad-Dwana </u>(li huwa l-uniku konvenut fil-kawża f'dan l-istadju tal-appell) isegwi għalhekk li <u>ma jistax jitqies responsabbli għal kwalsiasi danni allegatament sofferti minnha</u>.

54. Dan qed jingħad mhux biss fir-rigward tat-taxxa għolja li ħallset fir-

rigward tal-ewwel lott ta' vetturi li hija effettivament rtirtat (li din il-Qorti fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar l-appell tad-Direttur Ġenerali (Dwana) diġa spjegat li l-istess Direttur Ġenerali (Dwana) mhux responsabbli għalihom), iżda wkoll fir-rigward tat-tieni lott ta' vetturi li spiċċaw inqabdu mid-Direttur Ġenerali (Dwana) abbażi tal-Artikolu 19(2) u 20(3) tal-Kap 37 (Ordinanza tad-Dwana), u fir-rigward tat-tielet lott ta' vetturi li spiċċat ħalliethom il-Ġappun, kif ukoll fir-rigward tal-ispejjeż u imgħaxijiet bankarji li nkorriet biex tissellef il-flus sabiex tkun tista' toħroġ il-vetturi li waslu Malta.

55. Għaldaqstant l-appell tas-soċjeta` attriċi jirriżulta infondat.

**DEĊIDE**

56. **Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell tad-Direttur Ġenerali (Dwana) u tiċħad l-appell tas-soċjeta` attriċi, u konsegwentement**:

(i) Tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti lliberat lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta mill-osservanza tal-ġudizzju (stante li tali deċiżjoni issa hija *res judicata*);

(ii) Tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti rriteniet li s-soċjeta` attriċi ma kellhiex raġun fit-talbiet tagħha fejn dawn jirreferu għall-qbid tal-vetturi (it-tieni lott) u għall-vetturi li kellha tħalli l-Ġappun (it-tielet lott).

(iii) Tħassar is-sentenza appellata fil-kumplament u tiċħad it-talbiet kollha tas-soċjeta` attriċi.

57. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mis-soċjeta` attriċi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da